KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 6.6.2007
KUMM(2007) 301 finali

# GREEN PAPER

## Dwar is-Sistema ta' Ażil Komuni Ewropea tal-ġejjieni

(preżentat mill-Kummissjoni)

# GREEN PAPER

## Dwar is-Sistema ta' Ażil Komuni Ewropea tal-ġejjieni

## 1. INTRODUZZJONI

Il-ħolqien ta' Sistema ta' Ażil Komuni Ewropea (CEAS – Common European Asylum System) bħala parti kostitwenti minn Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja ħareġ mill-idea li l-Unjoni Ewropea ssir żona waħda ta' protezzjoni għar-refuġjati, imsejsa fuq l-applikazzjoni sħiħa u inklussiva tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra u fuq il-valuri umanitarji komuni maqsuma bejn l-Istati Membri kollha. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Programm ta' l-Aja jipprevedi l-adozzjoni tal-proposta għas-CEAS sa l-aħħar ta' l-2010.

Il-Kummissjoni ikkommettiet ruħha biex tkompli ssegwi dan l-għan ambizzjuż. F'dan l-ispirtu, il-Kummissjoni qiegħda għalhekk tniedi proċess ta' konsultazzjoni komprensiv dwar il-forma li din is-CEAS għandha tieħu. Din il-Green Paper għandha l-għan li tidentifika liema għażliet huma possibbli taħt il-qafas legali kurrenti ta' l-UE biex ikun ifformat it-tieni stadju tal-kostruzzjoni tas-CEAS.

It-tqassim bażiku tas-CEAS, kif imfisser fil-Programm ta' Tampere u kkonfermat mill-Programm ta' l-Aja, jikkonsisti mill-istabbiliment ta' proċedura komuni ta' ażil u status uniformi li huwa validu madwar l-UE kollha. L-oġġettiv aħħari milħuq fil-livell ta' l-UE huwa għalhekk li jkun hemm kondizzjonijiet indaqs, sistema li tiggarantixxi lill-persuni li ġenwinament għandhom bżonn il-protezzjoni, aċċess għal livell għoli ta' protezzjoni taħt kondizzjonijiet ekwivalenti fl-Istati Membri kollha u fl-istess ħin li tittratta b'mod ġust u effiċjenti ma' dawk li jinsabu li m'humiex fil-bżonn tal-protezzjoni.

L-għan segwit fl-ewwel stadju kien li jarmonizza l-oqfsa legali ta' l-Istati Membri fuq il-bażi ta' livelli minimi komuni li jiżguraw it-trattament ġust, l-effiċjenza u t-trasparenza. Fis-snin 1999-2006 sar progress konsiderevoli, b'mod partikolari permezz ta' l-adozzjoni ta' l-erba' strumenti leġiżlattivi prinċipali li jifformaw l-acquis kurrenti u li huma s-sisien għas-CEAS[1]. Il-Kummissjoni se tara li l-istrumenti legali diġà adottati ikunu trasposti mingħajr dewmien u implimentati b'mod effettiv mill-Istati Membri.

Il-proċess ta' l-evalwazzjoni ta' l-istrumenti u l-inizjattivi ta' l-ewwel stadju għadu għaddej, iżda, meta wieħed iqis il-ħtiepa li jiġu ppreżentati proposti għat-tieni fażi fi żmien tajjeb biżżejjed biex ikunu adottati fl-2010, huwa essenzjali li wieħed jibda' jagħmel sa minn issa riflessjoni u dibattitu dwar is-sura tas-CEAS għall-futur. However, due account has been taken in the preparation of the Green Paper of all information which is already available on the implementation of the first stage instruments and on the deficits detected in practice, so as to allow for an informed

[1] L-istrumenti leġiżlattivi rilevanti, u d-dokumenti ta' politika kollha, huma mniżżla fl-Anness 1. Hemm ukoll Anness 2 ma' dan id-dokument, li fih id-*data* statistika rilevanti.

reflection and debate. **Ir-riżultati ta' din ir-riflessjoni wiesgħa se jiġu sintetizzati mar-riżultati ta' l-evalwazzjoni fi żmien debitu sabiex ikun jifforma l-bażi tax-xogħol li jrid jitwettaq fil-futur tassew qarib biex l-għan tas-CEAS jintlaħaq fl-2010.**

**L-għanijiet fit-tieni stadju għandhom ikunu li jintlaħaq kemm livell ogħla komuni ta' protezzjoni u ugwaljanza akbar fil-protezzjoni madwar l-UE u kif ukoll li jiġi żgurat grad ogħla ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri ta' l-UE.**

F'dan it-tieni stadju huwa importanti li jiġi adottat **metodu ta' ażil integrat u komprensiv** għat-titjib ta' **l-aspetti kollha tal-proċess ta' ażil**, li jibda mill-mument li individwi jfittxu aċċess għall-protezzjoni fl-UE sal-mument li tinsab soluzzjoni għal tul ta' żmien għal dawk li huma fil-bżonn tal-protezzjoni internazzjonali.

B'konformità ma' dan il-metodu, huwa essenzjali (1) li jissaħħu l-kondizzjonijiet li taħthom persuni li jfittxu protezzjoni fl-UE jistgħu jippreżentaw u jsegwu t-talbiet tagħhom b'mod effettiv u jirċievu rispons xieraq għall-bżonnijiet individwali tagħhom u (2) li tiżdied il-kapaċità ta' dawk kollha interessati li huma involuti fil-proċess ta' ażil sabiex iwettqu l-ħidmiet tagħhom b'suċċess, biex b'hekk itejbu l-kwalità kollha ta' dan il-proċess. Huwa ukoll meħtieġ li l-amministrazzjonijiet nazzjonali ta' l-ażil jiġu pprovduti b'għodda xierqa li permezz tagħhom ikunu jistgħu jiġġestixxu l-flussi ta' l-ażil b'mod effiċjenti u jipprevjenu l-frodi u l-abbuż b'mod effiċjenti, biex b'hekk jippreservaw l-integrità u l-kredibbiltà tas-sistema ta' l-ażil.

Il-kisba ta' dawn l-oġġettivi tkun tfisser li jimtlew spazji vojta li hemm fl-acquis ta' l-ażil kurrenti u li ssir armonizzazzjoni leġiżlattiva msejsa fuq standards għolja. Il-prattiċi ta' l-ażil ikunu wkoll jeħtieġu li jiġu armonizzati permezz ta' l-implimentazzjonijiet ta' sett ta' miżuri ta' akkumpanjament dwar il-koperazzjoni prattika bejn l-Istati Membri.

Barra dan, hemm ħtieġa urġenti għal aktar solidarjetà fil-qasam ta' l-ażil, biex ikun żgurat li r-responsabbiltà għall-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għall-ażil u l-għoti ta' protezzjoni fl-UE tkun imqassma b'mod ekwu. Jeħtieġ ukoll li jiġu esplorati modi biex tiżdied il-kontribuzzjoni ta' l-UE għal reġim ta' protezzjoni internazzjonali aktar aċċessibbli, ġust u effettiv.

## 2. L-ISTRUMENTI LEĠIŻLATTIVI

### 2.1. L-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għall-ażil

Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE ("Id-Direttiva dwar il-Proċeduri ta' l-Ażil") tipprovdi għal numru ta' standards proċedurali aktar milli għal "proċedura standard". Din id-Direttiva tippermetti grad għoli ta' flessibbiltà f'ħafna oqsma, bħad-dispożizzjonijiet dwar proċeduri mgħaġġla, proċeduri tal-fruntiera, u applikazzjonijiet inammissibbli. Aktar approssimazzjoni tal-liġi tkun meħtieġa jekk irid jintlaħaq l-għan tal-Programm ta' l-Aja għal proċedura wiesgħa komuni ta' l-UE.

F'dan il-kuntest, għandha ssir enfażi partikolari fuq it-tisħiħ ta' **l-aċċess effettiv** għall-possibbiltà li jintalab l-ażil u għalhekk l-aċċess għal protezzjoni internazzjonali fl-UE. Dan jista' jimplika t-tisħiħ tas-salvagwardji legali li jakkompanjaw l-istadju

kruċjali tal-bidu tal-proċeduri tal-fruntiera u b'mod partikolari r-reġistrazzjoni u l-proċess ta' l-iskrinjar.

**Ir-regoli nazzjonali** jistgħu jkunu jeħtieġu ukoll **approssimazzjoni ulterjuri** fir-rigward ta' l-aspetti ta' l-ipproċessar ta' l-ażil li ma kinux koperti jew ma kinux koperti b'mod suffiċjenti mid-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel stadju, bħal ma hija l-kwalità tat-teħid tad-deċiżjonijiet, il-valutazzjoni tal-provi sottomessi mill-applikanti, u l-proċeduri ta' l-appell.

Tista' tkun ukoll meħtieġa **r-rivalutazzjoni tal-kontenut u tal-valur miżjud ta' ċerti mezzi proċedurali** introdotti fl-ewwel stadju ta' armonizzazzjoni, bħal **kunċetti** ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri, pajjiżi terzi sikuri, u pajjiżi terzi Ewropej sikuri.

Barra dan, jista' jsir progress sinifikanti lejn l-istabbiliment ta' proċedura komuni ta' ażil billi fis-CEAS tiġi inkluża **proċedura unika** għall-valutazzjoni ta' l-applikazzjonijiet għall-istatus tar-refuġjati u għall-protezzjoni sussidjarja. L-aspetti li għandhom jiġu meqjusa jinkludu l-iskop tagħha, is-sekwenza ta' eżaminazzjoni tar-raġunijiet differenti ta' protezzjoni, il-proċeduri ta' l-appelli kif ukoll il-ħtieġa li jiġu imposti limiti ta' żmien jew miri fir-rigward tat-tul taż-żmien tal-proċedura ta' l-ażil.

Bis-sejħa tiegħu għal studju dwar l-implikazzjonijiet, is-siwi u s-sostenibbiltà ta' **ippoċessar konġunt** ta' applikazzjonijiet għall-ażil, fil-Programm ta' l-Aja jitqies ukoll l-ippoċessar konġunt bħala possibbiltà addizzjonali għal aktar armonizzazzjoni. Fi ħdan il-qafas legali kurrenti, l-Istati Membri individwali huma responsabbli biex jagħmlu t-talbiet għall-ażil. Il-valur miżjud, il-modalitajiet eżatti u l-konsegwenzi prattiċi u finanzjarji għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' pproċessar konġunt bħal dan, li jista' jibni fuq il-kapaċitajiet u l-esperjenzi speċifiċi ta' l-Istati Membri għall-ipproċessar ta' ċerti ammonti ta' każijiet, iridu jiġu meqjusa fid-dawl tal-konklużjonijiet ta' l-istudju msemmi hawn fuq.

(1) **Kif tista' tinkiseb proċedura komuni ta' ażil? Liema aspetti għandhom jiġu meqjusa għal aktar approssimazzjoni tal-liġi?**

(2) **Kif tista' tittejjeb aktar l-effettività ta' l-aċċess għall-proċedura ta' l-ażil? B'mod aktar ġenerali, liema aspetti tal-proċess ta' l-ażil kif inhu rregolat fil-preżent għandhom jittejbu, f'termini kemm ta' effiċjenza kif ukoll ta' garanziji ta' protezzjoni?**

(3) **Liema mezzi proċedurali u opinjonijiet eżistenti, jekk hemm, għandhom jerġgħu jiġu meqjusa?**

(4) **Kif għandha tiġi ddisinjata proċedura unika mandatorja?**

(5) **X'jistgħu jkunu mudelli possibbli għall-ipproċessar konġunt ta' l-applikazzjonijiet għall-ażil? Taħt liema ċirkostanzi jistgħu l-Istati Membri jużaw mekkaniżmu għall-ipproċessar konġunt?**

## 2.2. Il-kondizzjonijiet ta' akkoljenza għal min ifittex ażil

Li jkun żgurat livell għoli ta' armonizzazzjoni fir-rigward tal-kondizzjonijiet ta' akkoljenza ta' min ifittex ażil huwa kruċjali jekk il-movimenti sekondarji jridu jiġu evitati. Madankollu, skond l-informazzjoni li diġà hemm dwar l-implimentazzjoni

tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/9/KE (id-"Direttiva tal-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza") il-marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa li tħalliet għall-Istati Membri minn bosta dispożizzjonijiet prinċipali ta' din id-Direttiva tirriżulta f'ċaħda ta' l-effett ta' armonizzazzjoni mixtieq.

Pereżempju, diverġenzi wiesgħa kienu osservati fir-rigward ta' **l-aċċess għas-suq tax-xogħol ta' min ifittex ażil**: Stati Membri differenti jimponu varjetà ta' kondizzjonijiet li jridu jiġu sodisfatti (eż. li jinkiseb permess tax-xogħol), xi Stati Membri jippermettu aċċess bħal dan b'mod immedjat filwaqt li oħrajn jirrestrinġuh għal sena. Din is-sitwazzjoni tqajjem il-kwistjoni jekk il-kondizzjonijiet u l-qafas ta' żmien għall-aċċess għas-suq tax-xogħol għandhomx ikunu rregolati b'mod aktar preċiż.

Marbut mil-qrib mal-kwistjoni msemmija hawn fuq ta' l-abbiltà ta' dawk li jfittxu ażil li jaħdmu huwa kif tiżgura b'mod effettiv b'mod aktar ġenerali **livell xieraq ta' kondizzjonijiet ta' akkoljenza materjali. Barra minn dan, ġew osservati diverġenzi kbar fil-livelli ta' akkoljenza kif ukoll fejn jidħol l-aċċess għall-kura medika.**

Instabu wkoll problemi serji rigward **l-applikabbiltà ta' din id-Direttiva għal ċentri ta' detenzjoni** kif ukoll rigward **l-applikazzjoni ġenerali ta' miżuri ta' detenzjoni** għal dawk li jfittxu ażil, sal-punt li miżuri bħal dawn ikollhom ir-riżultat li jostakolaw il-benefiċċju effettiv tad-drittijiet garantiti mid-Direttiva.

(6) **F'liema oqsma għandu jiġi illimitat il-marġini ta' diskrezzjoni wiesgħa kurrenti permess mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva sabiex jinkisbu kondizzjonijiet indaqs f'livell ta' trattament xieraq?**

(7) **B'mod partikolari, għandhom il-forma u l-livell tal-kondizzjonijiet ta' akkoljenza materjali mogħtija lil dawk li jfittxu ażil ikunu aktar armonizzati?**

(8) **Għandhom ir-regoli nazzjonali dwar l-aċċess għas-suq tax-xogħol jiġu aktar approssimati? Jekk iva, f'liema aspetti?**

**(9) Għandhom ir-raġunijiet għad-detenzjoni, b'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, jiġu ċċarati u l-kondizzjonijiet relatati u t-tul tagħhom jiġu rregolati b'mod aktar preċiż?**

## 2.3. L-Għoti ta' Protezzjoni

B'reazzjoni għas-sejħa tal-programm ta' l-Aja għall-**uniformità tal-protezzjoni**, jistgħu jiġu meqjusa diversi għażliet fir-rigward tal-kriterji ta' l-eliġibbiltà għall-protezzjoni u tal-kontenut ta' l-istatus (jew statuses) ta' protezzjoni relevanti li għandu jingħata.

Għażla bħal din tista' tikkonsisti fl-**armonizzazzjoni sħiħa tal-kriterji ta' l-eliġibbiltà** u l-kjarifika tal-kunċetti li jintużaw biex jiddefinixxu r-raġunijiet tal-protezzjoni, sabiex jiġi mminimizzat il-marġni għal applikazzjonijiet u interpretazzjonijiet diverġenti fi Stati Membri differenti, li bħalissa huwa permess

mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/83/KE (id-"Direttiva dwar il-Kwalifikazzjoni").

**L-approssimazzjoni ulterjuri tad-drittijiet u tal-benefiċċji** marbuta mal-protezzjoni mogħtija (li tirrigwarda, inter alia, il-permessi ta' residenza, l-għajnuna soċjali u l-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-impjiegi) tista' ukoll tiġi meqjusa. L-acquis eżistenti jagħti żewġ settijiet differenti ta' drittijiet u benefiċċji lil refuġjati u benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja, imsejsa fuq id-distinzjonijiet bejn iż-żewġ kategoriji derivati mir-reġim tal-Liġi Internazzjonali kurrenti u jirriflettu differenzi importanti fir-raġunijiet tal-protezzjoni. Jekk l-uniformità tinftiehem li tfisser grad ogħla ta' armonizzazzjoni, din l-għażla tirriżulta fi **status uniformi għar-refuġjati u ieħor għall-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja**. Dan ikun ifisser li titnaqqas il-flessibbiltà permessa mill-qafas legali kurrenti fir-rigward tal-kontenut u tat-terminu ta' żmien tad-drittijiet li jingħataw kif ukoll tal-possibbiltà ta' limitazzjoni jew rifjut ta' l-aċċess għal ċerti drittijiet.

Għażla oħra possibbli biex tiġi ikkonsidrata tista' tkun li jingħata **status uniformi wieħed** lill-persuni kollha li huma eliġibbli għall-istatus ta' refuġjati jew għall-protezzjoni sussidjarja taħt il-qafas legali kurrenti, jiġifieri status ta' protezzjoni li jinkludi sett ta' drittijiet għaż-żewġ kategoriji. Status bħal dan, li jipprovdi l-istess drittijiet indipendentement mir-raġunijiet għall-protezzjoni, ikollu benefiċċju wieħed – it-tnaqqis ta' l-inċentivi għall-applikanti biex jappellaw id-deċiżjonijiet li jagħtu protezzjoni sussidjarja, sabiex ifittxu status ta' refuġjati.

Tista' tkun ukoll utli r-riflessjoni dwar il-ħtieġa għall-**armonizzazzjoni ta' l-istatus mogħti lil kategoriji ta' persuni** li m'humiex eligibbli għall-protezzjoni internazzjonali kif imfissra bħalissa fl-istrumenti legali ta' l-ewwel stadju, iżda li minkejja dan huma **protetti kontra t-tneħħija** taħt l-obbligi li huma imposti fuq l-Istati Membri kollha mill-istrumenti tad-drittijiet internazzjonali tar-refuġjati jew tal-bniedem jew fuq il-bażi tal-prinċipji li jiġu minn strumenti bħal dawn. Eżempji ta' kategoriji bħal dawn jinkludu persuni li ma jistgħux jitneħħew minħabba raġunijiet ta' saħħa u minorenni mhux akkumpanjati. Id-dispożizzjonijiet għal status armonizzat għal kategoriji ta' persuni bħal dawn iridu jagħmlu użu mill-ġurisprudenza relevanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. [2]

Fl-aħħar, il-kunċett ta' **status validu madwar l-Unjoni** jistieden riflessjoni dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu fil-livell Komunitarju **għall-għarfien reċiproku ta' deċiżjonijiet nazzjonali dwar l-ażil** u l-possibbiltà **ta' trasferiment tar-responsabbiltajiet** għall-protezzjoni meta benefiċjarju ta' protezzjoni jkollu residenza fi Stat Membru ieħor. Modalitajiet legali eżatti u kondizzjonijiet preċiżi jkunu jeħtieġu li jiġu diskussi fil-fond. Mekkaniżmu bħal dan jista' b'mod partikolari jagħmel użu mid-dispożizzjonijiet relevanti tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra u mill-Ftehim Ewropew ta' l-1980 dwar it-Trasferiment tar-Responsabbiltà għar-Refuġjati konkluż fil-qafas tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

(10) **F'liema oqsma għandu jkun hemm aktar approssimazzjoni tal-liġi jew standards ogħla fir-rigward**

---

[2] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi ppronunzjati minn din il-Qorti fil-każijiet ta' D vs Ir-Renju Unit, tat-2 ta' Mejju 1997 u Mubilanzila Mayeka u Kaniki Mitunga vs Il-Belġju, tat-12 ta' Ottubru 2006.

– **tal-kriterji għall-għoti ta' protezzjoni**

– **tad-drittijiet u l-benefiċċji marbuta ma' l-istatus(es) ta' protezzjoni?**

(11) **Liema mudelli jistgħu jiġu kkunsidrati għall-ħolqien ta' "status uniformi"? Jista' jiġi kkunsidrat status uniformi għar-refuġjati u ieħor għall-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja? Kif jistgħu dawn jiġu ddisinjati?**

(12) **Jista' jiġi kkunsidrat status uniformi wieħed għall-persuni kollha eliġibbli għall-protezzjoni internazzjonali? Kif jista' dan jiġi ddisinjat?**

(13) **Għandhom aktar kategoriji ta' persuni li ma jitneħħewx jiddaħħlu fl-ambitu tal-leġislazzjoni Komunitarja? Taħt liema kondizzjonijiet?**

(14) **Għandu mekkaniżmu ta' l-UE jiġi stabbilit għall-għarfien reċiproku ta' deċiżjonijiet nazzjonali dwar l-ażil u l-possibbiltà ta' transferiment tar-responsabbiltà għall-protezzjoni? Taħt liema kondizzjonijiet jista' dan ikun għażla fattibbli? Kif jista' dan jopera?**

## 2.4. Il-kwistjonijiet trasversali

### *2.4.1. Rispons xieraq għal sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà*

L-istrumenti kollha ta' l-ewwel stadju jisħqu li huwa imperattiv li jitqiesu l-bżonnijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli. Madankollu, jidher li hemm nuqqasijiet serji fir-rigward tad-definizzjonijiet u l-proċeduri applikati mill-Istati Membri għall-**identifikazzjoni ta' aktar persuni vulnerabbli li jfittxu ażil** u li **l-Istati Membri għandhom nuqqas ta' riżorsi, kapaċitajiet u esperjenza** neċessarja biex jipprovdu rispons xieraq għal bżonnijiet bħal dawn.

Għalhekk jidher li hu neċessarju li jiġu **preskritti aktar fil-fond u fid-dettall** il-modi kif **il-bżonnijiet speċjali ta' l-aktar persuni vulnerabbli li jfittxu l-ażil għandhom jiġu identifikati u indirizzati** fl-istadji kollha tal-proċess ta' l-ażil. Dan it-tip ta' metodu komprensiv ikun jiffoka b'mod partikolari fuq kwistjonijiet bħal ma huma li jiġi rregolat b'mod aktar preċiż **x'jikkostitwixxi assistenza xierqa medika u psikoloġika, u għoti ta' pariri** lil persuni li jkunu għaddew minn trawma, vittmi ta' tortura u ttraffikar u identifikazzjoni tajba u risposta għall-ħtiġijiet tal-minuri, speċjalment dawk li jkunu waħedhom; l-iżvilupp ta' **tekniċi xierqa għall-intervistar** ta' dawn il-kategoriji, ibbażati fost affarijiet oħra fuq l-għarfien ta' kwistjonijiet marbuta ma' kultura, età u sess kif ukoll ħiliet interkulturali u fuq l-użu ta' intervistaturi u interpreti speċjalizzati, u t-tfassil ta' regoli aktar dettaljati dwar dak li għandu jkun rilevanti fl-evalwazzjoni ta' **talbiet ibbażati u il-persekuzzjoni minnħabba sess, jew fuq affarijiet konnessi mat-tfal**.

Barra dan, iridu jinstabu modi biex **jitjiebu l-kapaċitajiet nazzjonali** billi **jintlaħqu l-parteċipanti kollha involuti** fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri apposta biex jindirizzaw il-bżonnijiet speċjali tal-kategoriji l-aktar vulnerabbli ta' dawk li jfittxu l-ażil u refuġjati – **bħal** professjonisti fl-oqsma tas-saħħa u l-edukazzjoni, psikologi, interpreti, esperti lingwistiċi, antropoloġi kulturali, avukati, professjonisti fil-ħidma soċjali, u NGOs. Dan jista' jinvolvi **programmi ta' taħrig speċifiċi madwar l-UE**

għall-professjonisti ta' dan it-tip, l-istabbiliment ta' mekkaniżmu fil-livell ta' l-UE (inklużi databases u għodda oħra għall-iskambju ta' informazzjoni) għad-**disseminazzjoni ta' l-aħjar prattiki fuq livell operazzjonali** jew anki l-istabbiliment ta' **standards komuni għall-kwalifiki u l-abbilitajiet** meħtieġa u possibilment, l-istabbiliment ta' **mekkaniżmu ta' monitoraġġ** bl-iskop li jiggarantixxi livelli għolja ta' kwalità fis-servizzi pprovduti lil persuni aktar vulnerabbli.

(15) **Kif jistgħu d-dispożizzjonijiet li jobbligaw lill-Istati Membri biex jidentifikaw, jikkonsidraw, u jirrispondu għall-bżonnijiet ta' dawk li jfittxu l-ażil l-aktar vulnerabbli, jiġu mtejba u adattati aktar għall-bżonnijiet reali tagħhom? F'liema oqsma għandhom ikomplu jiġu żviluppati l-istandards?**

**(16) Liema miżuri għandhom jiġu implimentati bl-iskop li jiżdiedu l-kapaċitajiet nazzjonali biex jirrispondu b'mod effettiv għas-sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà?**

### 2.4.2. *Integrazzjoni*

Hekk kif il-politika ta' l-EU qed tiffoka dejjem aktar fuq l-integrazzjoni ta' ċittadini minn pajjiżi terzi, huwa ż-żmien għal riflessjoni totali fuq kif tittejjeb l-integrazzjoni għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali. L-estensjoni għall-kategorija ta' dritt ta' residenza fuq perjodu twil, hekk kif prevista mill-proposta tal-Kummissjoni għal emenda tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE ("id-Direttiva dwar ir-Residenti għat-Tul") tas-6 ta' Ġunju 2007 għandha l-potenzjal li tikkontribwixxi b'mod sinifikattiv f'dan ir-rigward.

F'dan il-kuntest, għandu jitqies b'mod partikolari **t-titjib tal-livelli** preskritti mid-Direttiva dwar il-Kwalifikazzjoni fir-rigward ta' **l-integrazzjoni ta' benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja** u **l-iżvilupp ta' programmi ta' integrazzjoni** mfassla biex **jiġu meqjusa l-bżonnijiet speċifiċi (fit-termini ta' pereżempju akkomodazzjoni u aċċess għas-servizzi tas-saħħa u għas-servizzi soċjali) u l-potenzjal ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali.**

**Drittijiet għax-xogħol (u limitazzjonijiet fuqhom)** huma importanti f'dan ir-rigward peress li l-impjieg huwa aċċettat bħala element prinċipali li jiffaċilita l-integrazzjoni. F'dan il-kuntest, hemm bżonn jinstabu modi biex jiżdied l-għarfien tal-parteċipanti fis-suq tax-xogħol dwar il-valur u l-kontribuzzjoni potenzjali li l-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali jistgħu jagħtu lill-organizzazzjonijiet u kumpaniji tagħhom. Attenzjoni partikolari għandha wkoll tingħata għall-identifikazzjoni ta' l-esperjenza tax-xogħol, l-abbilitajiet u l-potenzjal tagħhom u għar-**rikonoxximent tal-kwalifiki** tagħhom, minħabba li l-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali spiss ma jkunux jistgħu jipprovdu evidenza dokumentarja, bħal diplomi u ċertifikati relevanti oħra, mill-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom li l-leġiżlazzjoni fl-Istati Membri normalment teħtieġ bħala prekondizzjoni għall-impjieg legali f'ċerti oqsma. L-akkwist ta' ħiliet u kompetenzi neċessarji inter-kulturali għandu jkun ukoll promoss, mhux biss fejn jidħlu benefiċjari ta' protezzjoni internazzjoni, iżda wkoll fejn jidħlu l-professjonisti li jaħdmu magħhom. Għandu jkun appoġġjat ukoll l-immaniġġjar tad-diversità. Bl-iskop li jittieħed approċċ komprensiv, jista' jkun ukoll meħtieġ li jiġi kkunsidrat li jingħata **aċċess għal miżuri**

**u faċilitajiet ta' integrazzjoni speċifiċi** magħżula lil dawk li qed ifittxu l-ażil, inter alia biex tiġi ffaċilitata integrazzjoni mgħaġġla ta' dawk l-individwi li fl-aħħar mill-aħħar jingħataw protezzjoni internazzjonali.

(17) **X'miżuri oħra legali jistgħu jittieħdu biex tittejjeb dejjem aktar l-integrazzjoni ta' dawk li jfittxu l-ażil u tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, inkluż l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol?**

*2.4.3. Jiġi żgurat li l-istrumenti tat-tieni stadju huma komprensivi*

Ikun ukoll f'waqtu li nirriflettu fuq oqsma oħra li għadhom mhux koperti mill-leġiżlazzjoni tal-Komunità imma li fihom ikun hemm valur miżjud jekk jiġu appossimati r-regoli nazzjonali.

**(18) F'liema oqsma oħra tista' l-armonizzazzjoni tkun utli jew neċessarja bl-iskop li jiġi miksub approċċ verament komprensiv lejn il-proċess ta' l-ażil u r-riżultati tiegħu?**

## 3. L-Implimentazzjoni – Miżuri ta' akkumpanjament

Il-Programm ta' l-Aja sejjaħ għal aktar kooperazzjoni bejn l-ammistrazzjonijiet nazzjonali bl-iskop li tissaħħaħ il-konverġenza tal-prattiki nazzjonali u li titjieb il-kwalità tal-proċess biex jittieħdu d-deċiżjonijiet u tiżdied l-effiċjenża fil-ġestjoni ta' l-ażil. Il-firxa wiesgħa ta' attivitajiet ippreżentati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Kooperazzjoni Prattika Msaħħa" qed jitwettqu bħalissa fl-istruttura Eurasil, grupp espert presedut mill-Kummissjoni.

Madankollu, peress li r-riżultati ta' din il-Green Paper se jistabbilixxu għanijiet għal żmien medju jew twil, huwa importanti li mmorru lilhinn minn dak li diġà ġie propost u li nikkunsidraw **żoni addizzjonali** fejn il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri **tista' tiġi estiża b'mod utli.** Din il-konsiderazzjoni tinkludi ukoll **modi sabiex jiżdied l-impatt** ta' din il-kooperazzjoni f'termini ta' aktar appossimazzjoni tal-prattiki nazzjonali u tal-ġurisprudenza, pereżempju **l-iżvilupp ta' linji gwida komuni** għall-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' aspetti sostanzjali u ta' proċeduri ta' l-acquis ta' l-ażil fl-UE. Biex insemmu xi eżempji, ibbażati fuq valutazzjoni konġunta tas-sitwazzjonijiet fil-pajjiż ta' l-oriġini, ta ċerti tipi ta' każijet jew ċerti aspetti ta' l-applikazzjoni għall-ażil li għandhom bżonn esperti legali u fattwali speċifiċi, l-Istati Membri jkunu jistgħu jadottaw approċċi komuni ta' esklużjoni jew klawsoli ta' waqfien fir-rigward ta' ċertu volum ta' każijiet, għal konċetti bħal persekuzzjoni speċifika għas-sess jew għat-tfal jew għall-identifikazzjoni jew prevenzjoni ta' frodi jew abbuż, jew għat-traduzzjoni ta' dokumenti u l-metodi u l-proċeduri għall-intervisti.

Għandhom ukoll jiġu meqjusa modi kif jiġi aktar żviluppat il-portal komuni COI mifrux madwar l-UE, notevolment billi jiġi mgħaqqad mad-databases li għandhom x'jaqsmu ma' immigrazzjoni u integrazzjoni u billi jkun possibbli li dan jipprovdi informazzjoni dwar firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni.

Tista' titpoġġa wkoll aktar enfasi biex jitkabbar iċ-ċirku ta' partijiet interessati involuti fl-iskambju ta' prattiki tajba, l-iżvilupp tal-kapaċità u l-attivitajiet ta' taħriġ u

l-iżvilupp ta' linji gwida u **l-involviment tal-firxa sħiħa ta' partijiet interessati**, inkluż l-awtoritajiet ta' appell fil-livelli amministrattivi u ġudizzjali, esperti lingwistiċi u legali, is-saħħa, professjonisti ta' l-edukazzjoni u tal-gwida vokazzjonali, suldati tal-fruntiera u uffiċjali ta' l-inforzar tal-liġi.

Barra dan, biex jinżamm il-pass ma' l-espansjoni mgħaġġla fl-ambitu ta' kooperazzjoni prattika li tgħaqqad aspetti differenti tal-proċess ta' l-ażil, qed isir dejjem aktar urġenti li jiġi assigurat **appoġġ strutturali adegwat** għall-attivitajiet relevanti kollha u **s-segwiment effettiv u sistematiku biex jiġu meqjusa r-riżultati** ta' dawk l-attivitajiet

Il-Kummissjoni beħsiebha tniedi din is-sena studju ta' sostenibbiltà bil-ħsieb li tesplora b'mod sħiħ u komprensiv l-għażliet differenti li wieħed ikun jista' jaħseb fihom għal dan il-għan.

Waħda minn dawn l-għażliet, prevista mill-Programm ta' l-Aja, hija t-trasformazzjoni ta' l-istrutturi involuti fil-koperazzjoni prattika f'uffiċċju ta' appoġġ Ewropew. Jekk tintgħażel din is-soluzzjoni ta' l-aħħar, uffiċċju ta' dan it-tip ikun jista' jieħu l-kontroll u b'mod sistematiku jwettaq l-attivitajiet kollha kurrenti ta' kooperazzjoni prattika komuni. Aktar minn hekk, ikun jista' jinkorpora **faċilità ta' taħriġ** għall-partijiet kollha involuti fil-proċess ta' l-ażil u **jipprovdi appoġġ strutturali għal kwalunkwe attivitajiet ta' proċessar** li l-Istati Membri jistgħu jaċċettaw li jagħmlu **flimkien** fil-ġejjieni. Ikun jista' ukoll jagħti **appoġġ lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom flimkien biex jindirizzaw pressjonijiet partikolari** fuq is-sistema ta' ażil tagħhom u kapaċitajiet ta' akkoljenza li jirriżultaw minn fatturi bħal pożizzjoni ġeografika. Dan ikun jista' jorganizza u jmexxi **gruppi ta' esperti ta' l-ażil** biex jintbagħtu fi Stati Membri li qed jiffaċċjaw pressjonijiet partikolari. Ikun jista' jkollu rwol fl-**implimetazzjoni ta' Programmi Reġjonali ta' Protezzjoni** u fil-**koordinazzjoni ta' kwalunkwe inizjattiva ta' politika ġdida adottata fil-ġejjieni,** pereżempju rigward is-sistemazzjoni mill-ġdid fil-livell ta' l-UE. Jista' jkun ukoll fdat bil-**monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni tal-kondizzjonijiet ta' akkoljenza** mogħtija lil dawk li jfittxu l-ażil.

(19) **F'liema oqsma oħra jistgħu attivitajiet prattiċi ta' kooperazzjoni jkunu miftuħa b'mod utli u kif jista' l-impatt tagħhom jiżdied? Kif jistgħu l-partijiet interessati jkunu aktar involuti b'mod utli? Kif tista' l-innovazzjoni u l-prattika tajba fil-qasam ta' kooperazzjoni prattika tiġi mxerrda u mainstreamed?**

**(20) B'mod partikolari, kif tista' kooperazzjoni prattika tgħin biex jiġu żviluppati approċċi komuni lejn kwistjonijet bħall-kunċetti tal-persekuzzjoni speċifika għas-sess jew għat-tfal, l-applikazzjoni ta' klawsoli ta' esklużjoni jew il-prevenzjoni ta' frodi?**

(21) **X'għażliet jistgħu jiġu kkonsidrati biex jingħata appoġġ b'mod strutturali għal firxa wiesgħa ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni prattika u biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tagħhom? Il-ħolqien ta' uffiċċju ta' appoġġ Ewropew ikun għażla valida? Jekk hu hekk, x'ħidmiet għandu jingħatalu?**

(22) **X'ikun l-aktar disinn operazzjonali u istituzzjonali adattat biex uffiċċju bħal dan ikun jista' jagħmel xogħlu sew?**

## 4. IS-SOLIDARJETÀ U L-QSIM TAL-PIŻIJIET

### 4.1. Il-Qsim ta' Responsabbilità

Is-sistema ta' Dublin (Regolamenti ta' Dublin u EURODAC) ma kinitx maħsuba bħala strument ta' qsim tal-piżijiet. L-oġġettiv primarju kien li jiġi stabbilit malajr liema Stat Membru huwa responsabbli għall-eżaminazzjoni ta' applikazzjoni ta' l-ażil ippreżentata fuq it-territorju ta' l-UE, fuq bażi ta' kriterji ġusti u oġġettivi, u biex jiġu evitati movimenti sekondarji bejn l-Istati Membri. Bħal ma ntwera fir-Rapport ta' Evalwazzjoni, ippubblikat fis-6 ta' Ġunju 2007 is-Sistema ta' Dublin irnexxielha, sa ċertu punt, tilħaq dawn l-għanijiet għalkemm jibqgħu ħafna mistoqsijiet dwar kemm huma effettivi biex inaqqsu movimenti sekondarji.

Dan ir-Rapport ta' Evalwazzjoni wera ukoll li trasferimenti li jsiru skond is-Sistema ta' Dublin huma bbilanċjati ndaqs bejn l-Istati Membri fil-fruntiera u dawk li m'humiex. Madankollu, is-Sistema ta' Dublin tista' de facto tirriżulta f'piżijiet addizzjonali għall-Istati Membri li għandhom kapaċitajiet ta' akkoljenza u assorbiment limitati u li jispiċċaw taħt pressjonijiet partikolari ta' migrazzjoni minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom.

Aktar approssimazzjoni ta' proċeduri nazzjonali ta' l-ażil, ta' l-istandards legali u tal-kondizzjonijiet ta' akkoljenza, kif previst mis-Sistema ta' Ażil Komuni Ewropea, hija mistennija tnaqqas il-movimenti sekondarji ta' dawk li jfittxu l-ażil, dovuti prinċipalment minħabba d-diversità fir-regoli applikabbli, u għalhekk tista' tirriżulta fi tqassim ġenerali aktar ġust ta' applikazzjonijiet għall-ażil bejn l-Istati Membri.

Iżda anki l-istabbiliment ta' proċedura ta' ażil komuni u status uniformi ma jistax jelimina kompletament ir-raġunijiet li fuq il-bażi tagħhom dawk li jfittxu l-ażil jistgħu jsibu Stat Membru bħala destinazzjoni aktar attraenti minn ieħor. **Għalhekk, sistema li talloka b'mod ċar ir-responsabbilità** għall-eżaminazzjoni ta' talba għall-ażil fl-UE **ser tibqa' neċessarja** biex jiġu evitati l-fenomeni ta' "l-għażla ta' l-ażil" u tar-"refuġjati fl-orbita".

Hija meħtieġa aktar riflessjoni fuq l-għanijiet u l-prinċipji li jirfdu s-sistema ta' Dublin, u fuq jekk ikunx jeħtieġ li **tiġi kkomplimentata b'mekkaniżmi addizzjonali**. **Jistgħu jitqiesu fatturi oħra,** bħall-kapaċitajiet ta' l-Istati Membri biex jipproċessaw l-applikazzjonijiet għall-ażil u biex joffru soluzzjoni fuq perjodu twil għar-refuġjati rikonoxxuti. Din ir-riflessjoni hi neċessarja **jekk l-applikazzjoni tas-sistema għandha tirriżulta fi tqassim ġust bejn l-Istati Membri.**

Fil-passat **sistemi alternattivi possibli kienu kkunsidrati għall-allokazzjoni tar-responsabbiltà.** Dawn inkludew, pereżempju, sistema li talloka r-responsabbiltà skond fejn l-applikazzjoni għall-ażil tiġi ppreżentata, il-pajjiż ta' l-oriġini ta' l-applikant, jew l-aħħar pajjiż ta' tranżitu magħruf.

Iżda prinċipalment għandu jiġi meqjus **l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' qsim tal-piżijiet "korrettivi"** li **jikkomplimentaw is-sistema ta' Dublin**, li jipprovdi,

pereżempju, għad-distribuzzjoni tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali bejn l-Istati Membri wara li jingħataw l-istatus ta' protezzjoni. Is-sistemazzjoni mill-ġdid fi ħdan l-UE hija rotta importanti li għandha tiġi segwita. L-estensjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar ir-Residenti għat-Tul għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali hija mistennija wkoll li tnaqqas il-piż minn fuq ċerti Stati Membri billi tħalli lil dawk il-persuni, taħt ċerti kondizzjonijiet, li jmorru fi Stat Membru ieħor.

(23) **Għandha s-Sistema ta' Dublin tkun ikkomplimentata b'miżuri biex ikun hemm aktar tqassim tal-piżijiet ġust?**

(24) **X'mekkaniżmi oħra jistgħu jiġu maħluqa biex jipprovdu distribuzzjoni aktar ġusta ta' dawk li jfittxu l-ażil u/jew il-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali bejn l-Istati Membri?**

## 4.2. Solidarjetà finanzjarja

Jeħtieġ li nikkunsidraw modi ta' kif **jintlaħaq il-massimu ta' l-effikaċja tal-Fond Ewropew għar-Refuġjati** (ERF-European Refugee Fund) bħala strument ta' sostenn għall-isforzi ta' l-Istati Membri biex jimplimentaw il-politika ta' ażil ta' l-UE. B'mod aktar speċifiku, modi ta' azzjoni jridu jiġu eżaminati biex ikun żgurat li l-fondi ERF ikunu jistgħu jintużaw aħjar biex jikkomplimentaw, jistimolaw u jservu bħala katalista biex jintlaħqu l-għanijiet segwiti, inaqqsu d-diversitajiet u jgħollu l-istandards.

Biex il-Fond jilħaq l-impatt massimu tiegħu, pereżempju, **konsultazzjoni speċifika jew mekkaniżmi biex tinfirex l-informazzjoni** jistgħu jiġu stabbiliti fuq livell nazzjonali biex jipproduċu analiżijiet eżatti ta' l-iżbilanċi li jkun hemm bżonn jiġu indirizzati bis-sostenn tal-Fond. Biex jiġu evitati l-frammentazzjoni u r-ripetizzjoni tax-xogħol u biex jinħolqu sinerġiji u biex jiġu promossi l-aħjar prattiki, **mekkaniżu li jifrex l-informazzjoni jista' jiġi stabbilit fil-livell ta' l-UE** biex ixerred l-informazzjoni dwar proġetti u programmi li jistgħu jservu bħala mudelli.

Iżda, barra milli jiġu mtejba l-possibiltajiet għall-fondi li ġa jeżistu, l-adozzjoni ta' approċċ komprensiv iqajjem ukoll id-domanda dwar jekk hemmx xi bżonnijiet ta' finanzjament speċifiċi li għadhom mhux koperti b'mod adegwat minn fondi li ġa jeżistu. Dawn il-bżonnijiet jistgħu jinqalgħu, pereżempju, meta jiġi kkunsidrat l-iffinanzjar għal rispons integrat għal sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà matul il-proċess kollu ta' ażil jew ta' miżuri ta' akkompanjament relatati mal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri (li jvarjaw mill-finanzjament ta' l-issekondar ta' persunal minn amministrazzjonijiet nazzjonali u korpi ġudizzjarji jew il-parteċipazzjoni tagħhom f'attivitajiet konġunti biex jiffinanzjaw l-Uffiċju ta' Appoġġ Ewropew futur).

(25) **Kif tista' l-effikaċja ta' l-ERF, il-komplimentarità mar-riżorsi nazzjonali u l-effett multiplikatur tiegħu jiżdiedu? Il-ħolqien ta' mekkaniżmi li jxerrdu l-informazzjoni bħal dawk imsemmija hawn fuq ikunu mezzi xierqa? X'mezzi oħra jistgħu jiġu meqjusa?**

**(26) Hemm xi bżonnijiet ta' finanzjament speċifiċi li m'humiex adegwatament iffinanzjati mill-fondi eżistenti?**

## 5. ID-DIMENSJONI ESTERNA TA' L-AŻIL

### 5.1. Appoġġ lil pajjiżi terzi biex tissaħħaħ il-protezzjoni

